Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Mejju 2016**
**(OR. en)**

**8836/16**

**ECOFIN 390**
**UEM 155**
**SOC 251**
**EMPL 153**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill |
| Suġġett: | Analiżijiet fil-fond u implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2015<br>- Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill Ecofin |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2015, kif maqbula mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju tat-12 u t-13 ta' Mejju 2016.

# Abbozz ta’ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ecofin dwar l-analiżijiet fil-fond u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2015

Il-Kunsill (ECOFIN):

1. JILQA' l-pubblikazzjoni tar-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-pajjiżi, li janalizzaw il-politiki ekonomiċi għal kull Stat Membru, li jinkludu l-analiżijiet fil-fond (IDRs) fil-kuntest tal-Proċedura ta’ Żbilanċi Makroekonomiċi (MIP), kif ukoll il-Komunikazzjoni li takkumpanjahom li tiġbor fil-qosor ir-riżultati ewlenin tal-IDRs.

## I - ANALIŻIJIET FIL-FOND

2. IQIS li l-IDRs huma strutturati sew bħala parti ewlenija fi ħdan ir-rapporti tal-pajjiżi u JINNOTA l-importanza li tiġi ppreżentata analiżi bir-reqqa tal-iżbilanċi f’kull wieħed mill-Istati Membri li qed jiġi analizzat bħala l-bażi għal sorveljanza multilaterali, it-tisħiħ tas-sjieda domestika tar-riformi u l-aġġustament effettiv tal-politika. JIRRIKONOXXI li l-analiżi tkopri l-effetti kollaterali possibbli fuq pajjiżi oħra u fuq iż-żona tal-euro fejn rilevanti, tiddistingwi bejn l-aġġustamenti xprunati minn fatturi ċikliċi u dawk li jirriżultaw minn bidliet strutturali, u tieħu kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-pajjiżi. Qed jiġu applikati wkoll għodod analitiċi rilevanti fid-dawl tal-isfidi speċifiċi ta’ kull ekonomija li huma kkomplementati minn analiżi kwalitattiva fejn meħtieġ.

3. JILQA’ l-isforz tal-Kummissjoni biex ittejjeb it-trasparenza tal-MIP, inkluż bis-simplifikazzjoni u l-istabbilizzazzjoni tal-kategoriji ta’ żbilanċi makroekonomiċi, bil-pubblikazzjoni ta’ kompendju li jiġbor flimkien l-informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-MIP, u l-inklużjoni ta’ tabelli ta’ sommarju ġodda fl-IDRs (matriċi għall-valutazzjoni tal-MIP). JINNOTA l-pjanijiet tal-Kummissjoni f’dak li jirrigwarda l-monitoraġġ speċifiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri kollha kkonċernati minn żbilanċi u żbilanċi eċċessivi, biex tiġi żgurata s-sorveljanza msaħħa tar-rispons politiku għall-iżbilanċi identifikati. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tfassal proposta għall-iskeda ta' żmien u l-kontenut konkreti ta’ tali monitoraġġ, li tinkludi pjanijiet biex issir distinzjoni fir-rigward tas-severità tal-iżbilanċi, kif ukoll l-artikolazzjoni ma’ proċeduri oħrajn ta’ sorveljanza, b’mod partikolari s-sorveljanza ta’ wara l-programm għall-pajjiżi kkonċernati sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u f’konformità mal-prattika stabbilita. JENFASIZZA l-importanza tal-effikaċja, it-trasparenza u l-prevedibbiltà fil-valutazzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-MIP. Fid-dawl ta’ dan, JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu ppreżentati flimkien kemm l-analiżi tal-pajjiż kif ukoll il-konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-iżbilanċi f’konformità mal-Pjan Direzzjonali tas-Semestru Ewropew.

4. JAQBEL li 13-il Stat Membru fost dawk eżaminati (il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Iżvezja) qed jesperjenzaw żbilanċi makroekonomiċi ta' natura u daqs differenti.

5. JAQBEL mal-fehma tal-Kummissjoni li jeżistu żbilanċi eċċessivi f'sitt Stati Membri (il-Bulgarija, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru u l-Portugall). Il-Kunsill ser jivvaluta bir-reqqa l-analiżi ulterjuri tal-Kummissjoni għall-Kroazja u l-Portugall ippreżentata lejn tmiem Mejju, li għandha tieħu kont tal-miżuri politiċi deskritti fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom biex jivvaluta jekk humiex meħtieġa passi oħrajn. JISSOTTOLINJA li għandu jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-proċedura tal-MIP, bil-parti korrettiva applikata fejn xieraq.

6. JAQBEL li 6 mill-Istati Membri fost dawk eżaminati (il-Belġju, l-Estonja, l-Ungerija, l-Awstrija, ir-Rumanija u r-Renju Unit) ma jesperjenzawx żbilanċi makroekonomiċi fis-sens tal-MIP.

7. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa kontinwa ta' azzjoni politika u impenn b'saħħtu lejn ir-riformi strutturali fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari meta dawn jiffaċċaw żbilanċi makroekonomiċi li jaffettwaw il-funzjonament bla xkiel tal-UEM. L-iżbilanċi għandhom jiġu indirizzati b'mod durabbli, b'fokus fuq l-isfidi ewlenin, it-tnaqqis tar-riskji, il-faċilitazzjoni tar-riekwilibriju tal-ekonomiji tal-UE u l-ħolqien ta' kondizzjonijiet għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi.

8. JIRRIKONOXXI l-progress kontinwu miksub mill-Istati Membri fil-korrezzjoni tal-iżbilanċi esterni u interni tagħhom, li b'hekk jikkontribwixxu għar-riekwilibriju fl-UE u fiż-żona tal-euro. Madankollu, JISSOTTOLINJA li għad hemm riskji konsiderevoli f'ċerti Stati Membri. Filwaqt li d-defiċits fil-kontijiet kurrenti tal-perijodu ta' qabel il-kriżi tnaqqsu b'mod konsiderevoli jew saru bilanċi pożittivi, stokkijiet kbar ta' obbligazzjonijiet esterni jibqgħu punt vulnerabbli f'xi pajjiżi debituri netti. JIRRIKONOXXI li l-kompetittività marbuta mal-ispejjeż b'mod ġenerali tjiebet f'pajjiżi li wrew defiċits esterni kbar, b'evidenza aktar limitata li tindika titjib fil-kompetittività mhux marbuta mal-ispejjeż. Fl-istess ħin, jippersistu bilanċi pożittivi fil-kontijiet kurrenti f'xi Stati Membri li għandhom ħtiġijiet relattivament baxxi ta' tnaqqis fl-ingranaġġ u taħt xi ċirkostanzi dawn jistgħu jindikaw żbilanċi kbar fit-tfaddil u l-investiment li jixirqilhom li jsir progress fl-azzjonijiet ta' politika.

9. JISSOTTOLINJA li livelli għoljin ta' dejn privat u dak tal-gvern jibqgħu sfida importanti f'għadd ta' Stati Membri fil-kuntest ta' inflazzjoni baxxa u rati ta' tkabbir baxxi. Minkejja li sar progress notevoli, jinħtieġu aktar riformi strutturali sabiex jiżdied il-potenzjal tat-tkabbir u jiġi indirizzat il-livell għoli ta' qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ u dawk qiegħda fit-tul.

## II – IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻI (CSRs)

10. JILQA' l-progress li sar fl-indirizzar tas-CSRs tal-2015. Is-sett issimplifikat ta' CSRs tal-2015 ippermetta li jkun hemm fokus akbar fuq l-indirizzar tal-isfidi urġenti u l-iżbilanċi makroekonomiċi persistenti. JIEĦU NOTA tal-fatt li l-implimentazzjoni tar-riformi kienet inkonsistenti bejn l-oqsma ta' politika u l-pajjiżi u li fi ftit każijiet biss kien sar progress sostanzjali fl-indirizzar tas-CSRs. JISĦAQ li l-implimentazzjoni tar-riformi jeħtieġ li tiġi intensifikata biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' politika deskritti hawn taħt u JFAKKAR fl-importanza ta' valutazzjoni f'waqtha tal-implimentazzjoni tas-CSRs fil-Kunsill qabel il-proposta ta' CSRs ġodda, sabiex jinsiltu konklużjonijiet, jiżdied l-għarfien nazzjonali u jiġu implimentati b'mod effettiv ir-riformi f'kull pajjiż.

11. JISĦAQ li riformi strutturali ulterjuri fis-swieq tas-servizzi, tal-prodotti u tax-xogħol, flimkien ma' politiki fiskali responsabbli u sodi huma meħtieġa sabiex jissaħħaħ u jiġi sostnut l-irkupru ekonomiku, jiġu kkoreġuti żbilanċi dannużi, tinkiseb sostenibbiltà fiskali, jitjiebu l-kondizzjonijiet għall-investiment, u jissaħħaħ is-suq uniku, biex b'hekk joħroġ il-potenzjal ta' tkabbir tal-ekonomiji tal-Istati Membri.

12. JIRRIKONOXXI l-progress li għamlu l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-CSRs fl-oqsma tat-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u t-titjib tal-amministrazzjoni tiegħu. L-Istati Membri kkonċernati għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom. JISĦAQ li jista' jsir aktar progress fil-ħolqien ta' ambjent regolatorju favur in-negozju u l-impjieg, fiż-żieda tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol, fit-tnaqqis tal-burokrazija, fit-tisħiħ tal-effiċjenza amministrattiva u l-kwalità regolatorja, u fit-tnaqqis tal-għadd ta' restrizzjonijiet fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari billi ssir ferm eħfef għall-fornituri tas-servizzi biex joperaw bejn il-fruntieri. Sar progress fl-indirizzar ta' lakuni u nuqqasijiet eżistenti f'ċerti oqfsa fiskali nazzjonali, iżda dawn għadhom limitati f'ċerti Stati Membri, u l-isforzi għandhom jiffukaw fuq l-iżgurar tal-funzjonament effettiv tagħhom biex jappoġġaw it-twettiq ta' politiki fiskali responsabbli. L-oqfsa fiskali nazzjonali għandhom jinġiebu f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE.

13. JAQBEL li hemm bżonn urġenti li jittejbu l-kondizzjonijiet ta' investiment sabiex jiġi attirat aktar investiment privat fl-ekonomija reali u jiġu żgurati investiment pubbliku u infrastrutturi ta' kwalità tajba ħafna. Ma tantx sar progress fir-riforma marbuta mal-indirizzar ta' problemi fir-rigward tar-regolamentazzjoni speċifika għas-settur u xkiel ieħor għall-investiment u fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, is-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa ta' insolvenza u l-ambjent tan-negozju, inkluż l-aċċess għall-finanzi. Minkejja li sar xi progress, l-ostakoli għall-investiment baqgħu jippersistu f'xi setturi ewlenin f'ħafna Stati Membri. Dan huwa partikolarment il-każ għas-servizzi, l-industriji li jużaw netwerk u l-kostruzzjoni.

14. JILQA' l-progress fir-riforma tas-swieq tax-xogħol, iżda jinnota li għad hemm diskrepanzi fl-implimentazzjoni u sfidi sinifikanti. Għad hemm potenzjal biex jitwessgħu l-bażijiet fiskali u jitnaqqas il-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol. L-integrazzjoni b'suċċess tal-migranti u r-refuġjati f'ċerti Stati Membri titlob attenzjoni partikolari. Filwaqt li sar progress biex il-persuni qiegħda jirritornaw għas-suq tax-xogħol, jinħtieġu aktar riformi strutturali għas-sostenn tal-impjiegi u tal-politiki attivi fis-suq tax-xogħol.